MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 143/2004

## MAGISTRAT
## DR. GIOVANNI GRIXTI LL.M., LL.D.

Avviz Nru. 143/04 GG

Pater Finance Co Ltd
(C 22643)

vs

Turista Limited (C 3428)

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004.

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet l-kundanna tas-socejta’ konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u tmienja u sittin lira Maltin (LM2168) rapprezentanti import ta’ ghaxar (10) kambjali, wahda ta’ Lm 8 u disgha ta’ Lm 240-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju 2003 sa Frar 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sad-19 ta’ Frar, 2004 jammontaw ghal Lm77, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontestaw t-talbiet attrici u lanqas ma deheret fis-seduta tal-lum biex tirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas s-somma mitluba ta’ elfejn, mija u tmienja u sittin lira Maltin (LM2168) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta kif mitluba mis-socjeta’ attrici u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------